Ipproteġi lilek innifsek kontra l-mpox

L-**Mpox** huwa infezzjoni virali li tinfirex mill-kuntatt mill-qrib bejn il-bnedmin, inkluż il-kuntatt sesswali.

26,000

L-ewwel tifqigħa kbira ta’ mpox fl-Ewropa u madwar id-dinja kienet fl-2022. Mill-2022 ’il hawn kien hemm aktar minn 26,000 każ irrappurtat fl-UE.



Sintomi

L-mpox ħafna drabi jwassal għal kombinazzjoni ta’ sintomi, inklużi:

- Deni jew tertir ta’ bard
- Uġigħ ta’ ras
- Eżawriment
- Uġigħ fid-dahar u uġigħ fil-muskoli
- Raxx jew infafet fil-ġilda

Kumplikazzjonijiet

Il-biċċa l-kbira tal-persuni li jaqbadhom l-mpox jirkupraw mingħajr ebda kumplikazzjoni, iżda dawk b’sintomi severi jista’ jkollhom bżonn jiddaħħlu l-isptar.

Kif jinfirex l-mpox?

Mill-kuntatt bejn bniedem u ieħor

Fl-Ewropa, l-aktar każijiet reċenti ta’ mpox kienu fost irġiel li jkollhom x’jaqsmu ma’ rġiel oħra, li jissuġġerixxi li l-mpox jinfirex waqt il-kuntatt sesswali.

Għaliex titlaqqam?

It-tilqim jista’ jevita l-mpox u l-kumplikazzjonijiet tiegħu



Kellem lit-tabib tiegħek għal parir ġenerali u dwar l-eliġibbiltà għat-tilqim kontra l-mpox

PORTAL EWROPEW TA’ INFORMAZZJONI DWAR IT-TILQIM
Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea

Skennja l-kodiċi QR biex issir aktar fil-Portal Ewropew ta’ Informazzjoni dwar it-Tilqim

vaccination-info.europa.eu/en